MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 377/2007

**Wara l-ittra ufficjali numru 5070/07 ipprezentat fil-5 ta' Settembru 2007 minn Rita Borg (ID 709160M) f'isem is-socjeta' International Sales Direct kontra John Cassar (ID 104664M) u wara ukoll il-mandat ta' qbid numru 2933/2007LG pprezentat fit-8 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet:**

**Rita Borg (ID 709160M) f'isem**
**is-socjeta' International Sales Direct**

**Vs**

**John Cassar (ID 104664M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, John Cassar, wara li ppremetta illi ricentement, u cioe' fit-12 ta' Novembru 2007, huwa gie notifikat ghall-ewwel darba bil-mandat ta'

qbid ezekuttiv numru 2933/2007LG hawn fuq imsemmi, u dan bhala l-ewwel att gudizzjarju msejjes fuq titolu ezekuttiv li nkiseb fil-konfront tieghu bi proceduri promossi permezz tal-ittra ufficjali numru 5070/07 hawn fuq indikata;

Illi dak l-istess titolu ezekuttiv, indikat mill-kontro parti fl-imsemmi mandat esekuttiv numru 2933/2007, huwa null u bla effett peress li ma jissodisfax ir-rikwiziti *ad validatem* indikati fl-artikolu 166A(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta, li jiddisponi hekk (sottolinejar mizjud):

"L-ittra ufficjali ghandu wkoll ikun fiha taht piena ta' nullita' intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmia ittra ufficjali billi jipprezenta nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew prokuratur Legali, dik l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv:

Izda

(a) id-debitur jista' fl-istess nota jammetti t-talba f'parti minnha biss u joponiha f'partijiet ohra, u meta t-talba tkun opposta f'xi parti minnha biss din titqies bhala li tkun giet ammessa sal-limitu li din ma tkunx giet opposta;
(b) meta d-debitur ikun oppona talba jew xi parti minn talba li tigi sussegwentement milqugha, l-ispejjez relattivi ghat-talba jew parti minnhom li tkun giet opposta u sussegwentement milqugha ghandhom jigu mhallsa mid-debitur;
(c) l-ispejjez ta' kull talba jew parti minnha li tkun giet opposta u mhux sussegwentement milqugha ghandhom dejjem jithallsu mill-kreditur;
(d) meta d-debitur ikun oppona t-talba kif imiss, il-procedura specjali li tinsab f'dan l-artikolu ma tistax terga' tintuza kontra d-debitur ghar-rigward ta' l-istess talba li jkun hemm fl-ittra ufficjali notifikata lid-debitur; u
(e) meta t-talba torigina taht l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi

Persuni, dik l-ittra ufficjali ghandha taht piena ta' nullita' tigi wkoll notifikata lill-assigurazzjoni awtorizzata li ghandu jkollha l-istess drittijiet taht dan l-artikolu daqslikieku kienet id-debitur fuq imsemmi;

Talab umilment, in vista u ai termini tal-artikolu 166A(5) tal-Kodici ta' Organizzazzojni u Procedura Civli, Kapitolu 12 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta, li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrexxindi u tiddikjara null u bla ebda effett it-titolu ezekuttiv li kien inkiseb minn Rita Borg (ID 709160M) f'isem is-socjeta' International Sales Direct skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 166A tal-istess Kapitolu 12.

Bl-ispejjez kontra l-istess Rita Borg (ID 709160M) f'isem is-socjeta' International Sales Direct.

Rat l-istess ittra ufficjali annessa mar-rikors promotur a fol 3 tal-atti u markata "A" (ara ukoll il-kopja tal-istess ittra ufficjali a fol 4 ibid).

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata a fol 7 et seq ibid u li biha esponiet bir-rispett illi permezz ta' rikors pprezentat nhar it-23 ta' Novembru 2007, l-intimat John Cassar talab, ghar-raguni hemm premessa, illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrixxindi u tiddikjara null u bla ebda effett it-titolu ezekuttiv li inkiseb mis-socjeta' esponenti;

Illi s-socjeta' esponenti topponi t-talba ta' l-intimat John Cassar kontenuta fir-rikors tieghu u tirribatti bil-qawwa kollha bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet ta' l-imsemmi intimat, kontenuti fir-rikors tieghu tat-23 ta' Novembru, 2007 u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Fl-ewwel lok, u kuntrarjament ghal dak allegat mill-intimat fir-rikors tieghu, l-ittra ufficjali bin-numru 5070/2007 pprezentata a tenur ta' l-aritkolu 166A tal-Kap, 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-5 ta' Settembru, 2007 fl-ismijiet premessi, tissoddisfa r-rekwiziti kollha ta' l-artikolu 166A(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dana peress illi fit-tieni paragrafu ta' l-ittra de quo hemm l-intimazzjoni

imsemmija fl-artikolu 166A (3), senjatament fejn fl-istess ittra l-intimat gie imwissi illi jekk inti ma tirrespingix it-talba tal-mittenti fl zmien tletin (30) jum min-notifika ta' din l-ittra ufficjali, din l-ittra ufficjali tkun tikkosititwixxi titolu ezekuttiv hekk kif kontemplat fl-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi b'hekk wiehed ma jistax jifhem kif l-intimat issa qieghed jippretendi kif l-ittra ufficjali msemmija hija wahda nulla u bla effett! Ghalkemm il-paragrafu kkwotat ma jipproducix verbatim is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dana certament ma jfissirx illi l-ittra ufficjali de quo hija wahda nulla stante illi minn imkien ma jirrizulta illi dan is-subartikolu kellu jigi riprodot verbatim. Dana peress ukoll illi dak l-avviz illi permezz tieghu gie mwissi l-intimat, huwa <u>konformi sostanzjalment</u> ma' dak rikjest mill-ligi fl-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 u ghalhekk il-vot tal-ligi gie soddisfatt mill-esponenti;

2. FIT-TIENI LOK, U MINGHAJR PREGUDIZZJU GHALL-PREMESS, jigi rilevat illi fil-gurisprudenza nostrana timmilita favur il-validita' ta' l-atti gudizzjarji u kontra n-nullita taghhom u gie stabbilit illi jekk att gudizzjarju huwa car u ma jtellifx lill-kontro-parti mid-dritt illi tiddefendi lilha nnifisha, tali att m'ghandux jigi dikjarat null. Issa' m'hemmx dubju illi l-ittra ufficjali pprezentata mis-socjeta' esponenti hija cara u bl-ebda mod ma tikkontjeni nuqqasijiet li b'xi mod setghu tellfu lill-intimat milli jezercita kull dritt li jista' jkollu, li jikkontesta l-istess ittra liberament b'nota kif trid il-ligi u fil-mument opportun – haga illi l-intimat ghazel li ma jaghmilx minkejja illi gie debitament notifikat;

3. Fit-tielet lok, is-socjeta' esponenti taghmel referenza ghad-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet *Panta Marketing and Services Limited vs George Farrugia noe (Avviz numru: 197/2007JAB)* nhar it-12 ta' Settembru, 2007 dwar il-konformita' <u>sostanzjali</u> mehtiega ghall-validita' ta' ittra ufficjali pprezentata taht l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti (li) joghgobha tichad it-talba ta' l-intimat kontenuta fir-rikors tieghu ta' nhar it-23 ta'

Novembru, 2007 u dana taht dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onroabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti, kif presjeduta, di gja kellha l-opportunita li tiddeciedi rikors iehor bazat fuq l-istess premessi u b'talba simili ghal dik in esami liema rikors kien gie deciz fit-12 ta' Settembru 2007 fl-ismijiet "Fl-atti tal-mandat ta' qbid ezekuttiv numru 1614/07 fl-ismijiet "Panta Marketing & Services Limited vs George Farrugia "qua" amministratur ta' St Paul's Tower Appartments Block A u Angelo Magro "qua" amministratur ta' St Paul's Tower Apartments Block B" (rikors numru 197/2007/1). In rigward din id-decizjoni, hemm referenza ghal din id-decisjoni fit-tielet (3) paragrafu tar-risposta tas-socjeta intimata (ara fol 8 ibid).

Illi minn din id-decizjoni, kien gie interpost appell quddiem il-Qorti tal-Appell u dan kien gie deiz finalment fit-12 ta' Dicembru 2007.

Ikkunsidrat

Illi wara li esaminat il-punti kollha involuti, f'dan il-kaz, Hi rat li ma ingieb xejn gdid kemm fuq bazi ta' ligi kemm ta' fatt sabiex tkun tista' tiddipartixxi minn dak deciz fl-imsemmija degrieti u ghalhekk ser tasal ghall-istess konkusjoni hemm milhuqa billi tigi michuda t-talba kif dedotta mir-rikors in esami.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjes jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------